MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Numru 248/2011

Il-Pulizija
(Spettur Carlos Cordina)

vs

Keith Debono

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 247786M, akkuzat talli:

1. fil-21 ta’ Dicembru 2010, f’dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta’ spare parts, liema serq jeccedi l-mija u sittax Ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47c) ghad-dannu ta’ Carmelo Bonnett detentur ta’ karta ta’ identita’ numbru 164757M, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-hin, bil-mezz u bil-lok.

2. laqa’ ghandu jew/u akkwistati b’reat, u cioè spare parts sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.
3. sar recediv a termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni fuq liema insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrispondi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat hija stat ta’ fatt. Dan abbinat mal-fatt li d-derubat iddikjara ‘seduta stante’ li m’ghandux aktar pretenzjonijiet kontra l-imputat. Tippermetti lill-Qorti li tghaddi ghas-sentenza.

Tiddikjara l-imputat hati ukoll fuq ammissjoni tieghu izda tal-ewwel u t-tielet akkuza stante li t-tieni hi akkuza alternattiva ghall-ewwel. Rat l-Artikoli 261(b)(c)(f) u (e), 264, 267, 269, 270, 278(2), 279(a), 280(1), 49 u 50 tal-Kap 9.

Tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u tpoggih taht ordni ta’ probation ghal tlett snin mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------